# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

It-Tlieta, 28 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 27.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-membri kollha kienu preżenti għal laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku għarraf illi ġew approvati l-fondi tal-attivita' tal-Milied taħt Skema SPI/SCI/04/2025 u ngħatajna Eur13,500.

27.3.2 Is-Sindku qal li rċevejna talba biex naraw x'jista' jsir dwar il-problema li kull darba qed jingħalaq l-aċċess ta' Wied Ħmar fi Triq Ġużeppi Briffa. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ssir KEEP CLEAR mal-art.

27.3.3 Ftit tal-jiem ilu nqalbet ħarruba fil-playing field u meta ġibna lis-Sur Bonello mis-sezzjoni tal-Agrikultura nfurmana li għadha f'kundizzjoni li forsi tista' tissalva. Għalhekk ġie deċiż li nħawluha Qasam San Ġorġ sakemm ma nsibuliex post aħjar.

27.3.4 Dwar il-Playing field, is-Sindku spjega illi tkellimna ma' Perit ieħor u urejnih l-idea oriġinali tal-Kunsill Lokali, dik illi nżommu l-art kif inhi, jiġifieri l-istencil li hemm jibqa' fil-post. Il-Perit qalilna li hija opzjoni tajba peress li l-istencil għadu ġdid. Għalhekk, il-pass li jmiss huwa li naraw x'tip ta' equipment ser nagħżlu u mmexxu b'Perit ġdid.

27.3.5 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi saret applikazzjoni ma' TM biex issir 1.5m Keep Clear fi Triq ix-Xagħri. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

27.3.6 Irċevejna mingħand il-GAGF sabiex jaraw jekk mexxejniex bl-Arbitraġġ li hemm mistenni. Bħalissa qed nistennew data għall-arbitraġġ.

27.3.7 Il-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar infurma lill-Kunsill Lokali illi ser ikun qed jimbarka fuq inizjattiva ta' xogħolijiet fuq toroq. Ta' Kerċem ser ikun qed jingħata 100,000 metru kwadru. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal Triq Xuxa, Triq Kerċem, Pjazza San Girgor u Triq Santa Luċija.

27.3.8 Is-SE infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni li konna għamilna ma' Eko Għawdex fuq Sqaq fi Triq it-Torri u Sqaq Nru 3 fi Triq San Girgor ġiet approvat għal embellishment.

## 27.4 Laqgħa GRDA – Exploring Collaboration with Local Councils

Qabel ma' bdiet din il-laqgħa, il-Kunsill iltaqa' mas-CEO tal-GRDA is-Sur Ivan Falzon li tkellem dwar ir-relevanza tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex u anke dwar ix-xogħol li qed tagħmel il-GRDA biex dejjem intellgħu lill-Għawdex aktar 'l fuq.

## 27.5 Assistent Prinċipal

Is-Sindku spjega illi jixiteq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għaliex tajjeb li l-Kunsill ikun jaf x'inhu jiġri anke ġewwa l-uffiċju. Huwa qal li l-Assistent Prinċipal ilu għal tul ta' żmien ma jagħtix prijorita' lix-xogħol tal-Kunsill. Kellimnih kemm-il darba iżda jitranġa għal ftit u jerġa' jillaxka. Huwa żied jgħid li mhuwiex tajjeb għal min qed jaħdem miegħu għax il-piż tiegħu qed jerfgħuh ta' madwaru. Fuq ix-xogħol mhux qed jikkonċentra u dan qed jirrifletti fuq ix-xogħol. Is-SE ikkonfermat dan u qalet li bħala xogħol, il-Kunsill qed jaqa' lura għaliex hi ma tistax tlaħħaq kollox waħedha u għajnuna m'għandiex u għalhekk irridu naraw minn issa 'l quddiem x'ser tkun is-sitwazzjoni.

## 27.6 Milied 2025

Is-Sindku spjega li kif jaf kulħadd, il-Kunsill iltaqa' mal-Għaqdiet u ddiskutew kif ser jaħdmu.

## 27.7 Ħarsa lejn l-attivita' 'Vjaġġ Kożmiku'

Wara li saret din l-attivita' kellna ħafna kummenti pożittivi, kienet prestazzjoni tajba mmens u l-Kunsill jinsab kburi tax-xogħol li għamel.

## 27.8 Ilmenti u Suġġerimenti

27.8.1 Il-Viċi Sindku talbet dan li ġej:

- Illi nżejnu Pjazza Salvatore Busuttil b'tiżjin tal-Ħarifa. Ħadd ma sab oġġezzjoni;
- Illi tibda tingħalaq parti minn Triq Franġisk u Roża Camilleri (quddiem iċ-Ċentru l-ġdid) kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn il-5 u s-6pm. Dan peress li issa qed issir id-Duttrina f'dan il-post u allura hemm bżonn li ma jgħaddux vetturi f'dawn il-ħinijiet. Ħadd ma sab oġġezzjoni u s-SE infurmata biex il-Kappillan jiġi jagħmel il-permess il-Kunsill Lokali;
- Sabiex fl-20 ta' Novembru, peress li hija World Children's Day, tikkollabora mal-iskejjel Ta' Kerċem biex iz-zebra crossings ta' fejn l-iskejjel jitpittru u t-

tfal jagħmlu xi hand prints fuqhom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

27.8.2 Is-Sindku qal illi avviċinah xi ħadd sabiex jerġa' jingħata l-konkos fi Triq ta' Lonz. Dan wara li saru xi xogħolijiet mill-privat u l-istess persuna issa qed jitlob lill-Kunsill biex jirranġa dak li qala l-privat. Il-Kunsill ma qabilx għaliex ma jistax jirranġa dak li kisser il-privat.

27.8.3 Is-Sindku qal illi għandna nagħmlu laqgħa mal-Ministru Anton Refalo sabiex nerġgħu niddiskutu edizzjoni oħra ta' Għad-Dell tal-Akwadott. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

27.8.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ħarġa f'Għawdex fix-xahar ta' Novembru u kulħadd qabel ma' dan.

27.8.5 Il-Kunsillier Horace Vella ġibed l-attenzjoni illi hemm xi ġebel qed jaqa' minn ġol-ħajt madwar il-picnic area tal-Għadira. Ġie deċiż li nibgħatu l-ħaddiema biex jirranġawh.

## 27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 27.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.15pm u ġiet aġġornata għall-25 ta' Novembru 2025, fis-2.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |